MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

**MAGISTRAT DR.
SILVIO MELI**

Seduta tat-28 ta' Ottubru, 2003

Avviz Numru. 139/2003

**Vella Brothers (Tal-Bidnija) Limited**

**vs**

**Francis Galea maghruf bhala Tarcisio Galea u Carin Consctruction Limited**

**Il-Qorti,**

**Rat l-avviz fuq indikat datat il-5 ta' Marzu tas-sena 2003 li permezz tieghu s-socjeta' attrici sejhet lill-konvenuti quddiem din il-qorti sabiex jghidu ghaliex m'ghandhomx ikunu kkundannati:**

**1. Illi in solidalment bejniethom jew min minnhom ikunu ordnati jissoktaw fl-esekuzzjoni tal-"barter agreement" li kien gie miftiehem bil-miktub u ffirmat bejn il-kontendenti datat Frar tas-sena 1998 u**

**dana fi zmien qasir u perentorju kif stipulat minn dina l-Onorabbli Qorti u fin-nuqqas li taghmel dan fiz-zmien hemm moghti lill-konvenuti solidalment bejniethom, jew min minnhom, ghandhom jigu kkundannati jhallsu fi flus kontanti bilanc tal-valur tar-rimanenti materjal mhux konsenjat li s-socjeta' attrici skond il-ftehim, prevja okkorrendo dikjarazzjoni ta' terminazzjoni u xoljiment tal-imsemmi "barter agreement", kif ukoll likwidazzjoni tal-imsemmi valur li ghandu jigi mahdum minn dina l-Onorabbli Qorti, okkorrendo permezz tan-nomina ta' periti teknici;**

**2. Bl-ispejjez u bl-interessi legali kontra l-konvenuti minn issa ngunti personalment ghas-subizzjoni;**

**3. Ghal finijiet ta' kompetenza u tassazzjoni jigi dikjarat li l-valur tal-meritu ta' dawn il-proceduri jeccedi s-somma ta' elf u hames mitt lira (LM1,500.00,0) izda ma jaqbizx is-somma ta' elfejn u erba' mitt lira maltija (LM2,400.00,0);**

**Rat in-nota ta' l-eccezzjonijiet datata t-28 ta' Marzu tas-sena 2003 li permezz taghha l-konvenuti eccepew is-segwenti:**

**1. Illi din il-Qorti ma tistax tisma' dan il-kaz ghaliex il-valur tal-"barter agreement" li s-socjeta' attrici qed titlob it-terminazzjoni u xoljiment tieghu jeccedi l-kompetenza ta' din il-Qorti;**

**2. Illi Francis Galea di proprio ma ghandu l-ebda relazzjoni guridika mas-socjeta' attrici;**

**3. Illi bla pregudizzju ghall-premess it-talbiet tas-socjeta' attrici huma nfondati fil-fatt u fid-dritt ghaliex l-ebda ammont ma huwa dovut mill-konvenuti lis-socjeta' attrici;**

**4. Salv eccezzjonijiet ohra;**

**Rat il-verbal datat it-2 t'April tas-sena 2003 fejn ordnat il-kapovolgiment ta' l-ordni tas-smiegh tal-provi;**

**Semghet ix-xhieda prodotta limitatament rigwardanti l-ewwel eccezzjoni preliminari;**

**Semghet it-trattazzjoni orali tar-rapprezentant legali tal-konvenuti rigwardanti l-ewwel eccezzjoni preliminari;**

**Innotat b'dispjacir li s-socjeta' attrici inghatawlha zewg opportunitajiet biex tittratta l-kwistjoni oralment izda rrizulta li naqset taghmel dan minghajr ma nghatat l-ebda raguni valida skond il-ligi;**

**Ikkunsidrat:**

**Illi l-ewwel eccezzjoni preliminari tissolleva l-kompetenza ta' din il-qorti ai termini ta' l-artikolu 47 tal-Kap 12;**

**Illi in vista tal-premess din il-qorti hi, fost l-ohrajn, kompetenti meta l-valur in diskussjoni hu bejn l-elf u hames mitt Lira Maltin, (LM1,500.00,0), u l-hamest elef Lira Maltin, (LM5,000.00,0);**

**Ikkunsidrat:**

**Illi l-avviz odjern jistrada l-procedura odjerna principalment biex din il-qorti tordna lill-partijiet jissoktaw fl-esekuzzjoni tal-"barter agreement" jew ftehim ta' tpacija, indikat mill-istess socjeta' attrici;**

**Illi dan il-ftehim, kif jidher mid-dokumenti pprezentati, jirrizulta li hu ta' valur komplessiv ta' sebat elef, hames mija u tmienja u hamsin Lira Maltin, (Lm7,558.00,0);**

**Illi ghalhekk l-oneru ta' din il-qorti kif limitat mill-artikoli 47 u 748 tal-Kap 12 fuq citat jirrizulta prekluz allura "ex lege", milli jigi ddeterminat minnha;**

**Ghaldaqstant din il-qorti filwaqt li takkolji l-ewwel eccezzjoni sollevata mill-konvenuti tiddikjara li mhix kompetenti tipprocedi bl-avviz kif propost stante li m'ghandhiex gurisdizzjoni, bl-ispejjez kontra s-socjeta' attrici.**

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------